MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 971/2006

**Talba Nru: 971/06VGD**

Mobisle Communications Limited (C24655)

Vs

Margaret Urry

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenuta tas-somma ta' mija u seba u sebghin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm177.12c) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut lis-socjeta' attrici skond Client Contract Number 1005025 ghal servizzi lilha

rezi fix-xhur ta' bejn Frar 2006 u Mejju 2006, bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Settembru 2006 u dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan l-Avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta' mija u seba u sebghin lira Maltin u tnax-il centezmu (Lm177.12c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha kif mitluba ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------